MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 513/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian J. Abdilla)**

**vs**

**Renald Formston**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Renald Formston** ta' 20 sena, bin nthony u Carmen *nee'* Fenech, imwieled Pieta' fis-26 t'Awissu, 1986, u residenti No 188, Bieb E, Flat 5, Triq Sant' Ursola, Belt Valletta; u detentur tal-karta tal-identita' numru 476583M;

1. Talli nhar il-Hamis, 20 ta' Mejju, 2004, fil-Belt Valletta;
(a) iffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-

mohh jew tal-prodott ta' industrija, xjentemnet ghamilt uzu minn dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
(b) ghamilt uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tisdta' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghejt merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
(c) xjentement qieghed fic-cirkoolazzjoni, bieghejt jew zammejt ghandek ghall-bejgh jew importajt ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;
(d) u cioe' 11-il oggett tad-ditta Punkie Fish

2. u aktar talli fl-istess data u lok, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampajt, immanufatturajt, idduplikajt jew mod iehor irriproducejt jew ikkopjajt, jew bieghet, qassamt, jew mod iehor offrejt ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabilliti mal-Ligi, tordna wkoll tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat\i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet inizzjata fuq l-istanza tal-kwerelant bhala mandatarju tat-titolari tal-marka “Punkie fish” u dan wara li l-imputat kien intercettat qed ibiegh hwejjeg bl-istess marka liema hwejjeg allegatament kellhom il-marka kontrafatta.

Illi l-oggetti esebiti mill-prosekuzzjoni kienu debitament ezaminati mil-espert nominat mill-Qorti izda dan sab diffikulta kbira sabiex jirrelata ghar-raguni illi min allega ksur tal-ligi fil-konfront tal-imputat ma pprovdiex original sabiex ikun riskontrat ma’ l-esebit.  Inoltre irrizulta illi l-istess kwerelant ma provdiex kopja tar-registrazzjoni tal-marka in kwistjoni.  Dan kollu jinkwadra f’dak li sehh fil-mori tal-kawza u cioe illi l-kwerelant stess irtira l-kwerela tieghu oltre li l-prosekuzzjoni xehdet illi kif gara f’kawzi ohra kontra imputati diversi, ma nstabet ebda registrazzjoni tal-marka kif allegatament uzata mill-imputat fuq il-hwejjeg minnu esposti ghall-bejgh;

Illi ghalhekk din il-Qorti mhix ser titlef aktar hin dwar dan il-kaz,  qed tiddikjara lill-imputat mhux hati u tilliberah mill-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------